MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2479/1996/1

**Alfred Grech**

**vs**

**Pauline Grech f'isimha proprju u b'digriet tas-16 ta' Marzu, 1998 giet nominata bhala kuratrici biex tirrapprezenta l-interess tal-minuri Terence Grech**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-kontendenti kienu awtorizzati jidhlu f'kuntratt ta' separazzjoni personali liema kuntratt gie redatt quddiem in-Nutar Marco Burlo fit-3 ta' Awissu, 1995.

Premess illi skond il-klawsola (vi) tal-istess kuntratt, l-attur intrabat u obbliga ruhu li jissomministra s-somma ta' Lm54 fil-gimgha bhala manteniment ghal ibnu.

Premess illi l-qaghda finanzjarja ta' l-attur tbiddlet radikament mill-iffirmar ta' tali kuntratt b'tali mod li llum l-attur huwa finanzjarjament indigenti u jinsab fl-impossibilita li jhallas daqstant manteniment.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara illi l-attur huwa disokkupat u ilu hekk disokkupat sa' mis-7 ta' Frar, 1996.

2. Tordna c-cessjoni jew varjazzjoni ta' l-obbligu da parti ta' l-attur li jissomministra lill-konvenuta pro et noe ir-retta alimentari li huwa tenut li jissomministra ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi.

3. Tordna li c-cessjoni/varjazzjoni ta' l-obbligu ta' l-attur li jissomministra retta alimentari li hu tenut li jissomministra ai termini ta' l-istess kuntratt fuq imsemmi ghandha topera retrospettivament mid-data meta l-attur waqaf mix-xoghol bi qliegh.

Bl-ispejjez .

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenuta a fol. 18 tal-process fejn eccepiet:

1. Fl-ewwel lok, l-esponenti wahedha ma ghandhiex ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-imsemmi minuri (illi del resto huwa tifel mhux tifla) billi l-istess hija vestita skond il-Ligi fiz-zewg genituri tal-minuri.

2. Illi huwa risaput illi *pacta sunt servanda* b'mod illi m'huiex apert lill-attur illi jittenta jirrevedi stipulazzjonijiet kontrattwali minnu liberament accettati hlief safejn tali

revizjoni huwa kkontemplat fil-kuntratt. Il-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat bejn il-kontendenti ma jikkontemplax id-dritt ta' revizjoni tal-manteniment hlief fic-cirkostanzi ben defeniti fl-istess kuntratt, liema cirkostanzi la gew premessi u wisq anqas ma vverifikaw ruhhom fir-realta'.

3. Illi l-indigenza allegata mill-attur hija kontestata mill-eccipjenti ghar-ragunijiet illi ghandhom jirrizultaw bhala validi fil-kors tas-smiegh tal-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-ewwel talba ta' l-attur ma tistax tintlaqa' billi gie pruvat li hu mhux disokkupat. F'dan is-sens ser tintlaqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta fis-sens li l-attur mhux indigenti.

Kwantu ghal l-ewwel eccezzjoni, il-konvenuta kienet accettat li tigi nominata bhala kuratrici biex tirrapprezenta l-interess tal-minuri Terence Grech.

Fil-mertu l-konvenuta qed topponi t-talba ta' l-attur li tigi mwaqqafa jew varjata r-retta alimentari miftehma billi *pacta sunt servanda*.

L-attur qed jissottometti li hu sab ruhu fl-impossibilita' li jesegwixxi l-obbligu tieghu li jibqa' jhallas il-manteniment kif stipulat fil-kuntratt, u ghaldaqstant, in konformita' kemm mal-klawsola relattiva tal-kuntratt ta' separazzjoni, kif ukoll ma l-artikoli relattivi tal-Ligi, qieghed jitlob li jigi dikjarat li tali manteniment huwa eccessiv u kwindi l-varjazzjoni ta' l-obbligu tieghu ghall-hlas ta' l-istess, stante illi minhabba cirkostanzi serji u ndipendenti mill-volonta' tieghu, hu ma jistax' jibqa' jhallas l-alimenti pattwiti (ara fol. 96 para. 14).

Fil-kuntratt ta' separazzjoni, fl-artikolu 2 (vi) (ara fol. 7) gie miftiehem li l-attur kellu jhallas lill-martu s-somma ta' Lm54 fil-gimgha ghal manteniment tat-tifel tieghu Terrance Grech u salv dak li gie provvdut fil-kuntratt

imsemmi, dina r-retta alimentari ma kelliex tigi riveduta ghal ebda kaz iehor *saving that where for a period of indefinite duration and on account of serious causes arising independently of the will of appearer Alfred Grech, there is a substantial reduction in the income of the said appearer Alfred Grech, which prevents or seriously reduces his ability to pay the maintenance set out herein, the said appearer Alfred Grech shall be entitled to demand the reduction of the maintenance payable in terms of this deed*.

L-attur qed jibbaza t-talba tieghu ghal waqfien jew varjazzjoni ta' l-obbligu tieghu li jissomministra retta alimentari lill konvenuta kemm a bazi ta' l-artikoli 21(1) u 54(7) tal-Kodici Civili kif ukoll a bazi ta' l-artikolu 985 ta' l-istess Kodici (ara noti tieghu).

Minn naha l-ohra l-konvenuta qed issostni li l-artikoli 21(1) u 54(7) tal-Kap 16 ma japplikawx fil-kaz ta' separazzjoni kontrattwali. Illi huma l-artikoli tal-ligi li jiddixxiplinaw l-istipulazzjonijiet kuntrattwali illi japplikaw ghall-obbligu ta' hlas ta' manteniment gej minn kuntratt u mhux id-disposizzjonijiet fuq imsemmija li jirrigwarda s-setghat tal-Qorti f'kawza ta' separazzjoni. Ghalhekk il-konvenuta tissottometti li r-revizjoni tar-retta alimentari tista ssir biss ghar-ragunijiet indikati fl-artikolu 2(vi) tal-kuntratt u xejn aktar. Hi taccetta biss li japplika l-artikolu 985 tal-Kodici Civili (li hwejjeg impossibili ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt) ghaliex dina d-disposizzjoni tirregola l-validita' tal-kuntratti.

Kif imfisser mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza V. Camilleri pro et noe vs M. F. A. Kareem deciza fit-2 ta' Novembru, 1994 id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21(1) u 54(7) tal-Kodici Civili ma japplikawx ghall-manteniment pattwit bejn il-partijiet, b'mod li jibqa' jregi l-principju stabbilit fl-artikolu 992 tal-Kodici Civili li kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghar-ragunijiet maghrufin mill-Ligi. Fl-istess sentenza il-Qorti applikat il-principju "*nemo*

*ad impossibilia tenetur*” li wiehed isib ukoll fl-artikolu 985 tal-Kap 16.

Il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza M. Vella v M. Vella tal- 11 ta’ Jannar, 1996 irriteniet li:-

Huwa minnu li "*ad impossibilia nemo tenetur*". Dan pero' biss f'cirkostanzi l-aktar eccezzjonali u ben provati meta l-Qorti tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l- "impossibilita'" fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox inevitabbli u ma gewx provokati b'xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix id-dritt ghar-revizjoni tal-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunt. Hu car li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ghandhom jigu rispettati u osservati. Ghalkemm hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment "*ex lege*", jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak "*ex contractu*", in kwantu tezisti l- possibilita' ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz", jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21 (1) tal-Att XXI tal-1993) jibqa' japplika dejjem il-principju illi *Pacta Sunt Servanda*. Dan ifisser li fil-kaz ta' manteniment stabbilit *ex contractu*, il-kriterji li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'certi kazijiet tissos-pendi, l-obbligu ghall-manteniment, huma aktar rigidi u gravi minn dawk li tista' tapplika l-Qorti fil-kazijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta alimentari minghajr il-kunsens tal-konjugi. Kien ghal din ir- raguni u f'dan il-kontest li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet: Victoria Camilleri - vs - Mohammed Farag Abdul Kareem, deciza fit-2 ta' Novembru, 1994, htigielha taghmel ir-rikjam ghall-principju generali li wkoll jirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratti li hadd ma jista' jigi tenut jaghmel l-impossibbli”.

Fil-kaz in ezami l-attur qed jissottometti li qabel issepara hu kien ibati minn problemi psikologici, u wara s-separazzjoni d-difikultajiet fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu zdiedu stante li ma kellux l-assistenza tal-

konvenuta u sab ruhu jmexxi n-negozju wahdu. Minkejja dana hu ghamel l-almu kollu tieghu sabiex kemm jista' jkun jibqa' jesegwixxi l-obbligu tieghu lejn ibnu minuri b'dan li wara li gie kostrett icedi l-kirja tal-hanut minhabba diffikultajiet finanzjarji huwa baqa' jippersisti sabiex isib impiegi ohra. Fil-fatt sussegwentement hu sab impieg fi zminijiet differenti, ghall ewwel fuq bazi *full time* u sussegwentement fuq bazi *part time*. Hu kompla jghid li: "Jien ninstab fl-impossibilita' li nhallas il Lm54 fil-gimgha ghall minuri u dana minhabba l-fatt li jiena mpjegat u rrid nikkontribwixxi lil ohti ghall ghejxien."

Il-konvenuta xehdet li l-attur kien jaqla' eluf kbar ta' Liri fis-sena mill-professjoni tieghu u dana tafu ghax hi kienet tiehu hsieb l-*accounts* u l-amministrazzjoni tal-hanut. Sa Dicembru 1995 il-hanut kien jirrendi Lm18,000 fis-sena. Hi ssostni li l-attur ghalaq in-negozju tieghu meta n-negozju kien sejjer tajjeb, cjoe wara gie iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni f'Awissu 1996. L-attur huwa *hairstylist* tajjeb u ta' certa esperjenza u kellu hafna klienti tajbin. Hi saret taf mill-klienti tieghu li l-attur kien imur fid-djar tal-klienti tieghu sabiex jaghmlilhom xagharhom hemmhekk. Sa gimgha qabel ghalaq il-hanut l-attur kien siefer Brussels u qabel kien mar btala l-Ingilterra. L-attur hu tip li jhobb jilbes ilbies tad-ditta u jzomm ruhu tajjeb hafna.

Illi skond is-sentenza Prim Awla V. acciattolo vs Simone Cacciattolo deciza mill P.A. (VDG) fit-28 ta' Frar, 1997 gie ritenut li l-fatt li wiehed ikun qieghed ma jfissirx necessarjarment li hu jkun fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment dovut. Jista' jkollu *income* iehor minn x'imkien iehor.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-attur mhux indigenti kif talab li jigi dikjarat fic-citazzjoni. Anzi jirrizulta li hu jahdem. Kien hemm zmien meta kien jahdem *full time* u zmien meta hadem *part time*. L-ahhar li xehed kien qed jahdem *part time*. Il-konvenuta ssostni li l-attur ghandu potenzjal (ara sentenza App Briffa vs Briffa tas-27 ta' Marzu, 1996) huwa *hairstylist* tajjeb u ta' certa esperjenza u kellu hafna klijenti tajbin. Meta kienu ghadhom flimkien u qabel sar il-kuntratt ta' separazzjoni kienu jaghmlu mat-Lm18,000 fis-

sena. Inoltre l-konvenuta xehdet li l-attur ghandu *income* iehor ghax jaghmel xoghol fid-djar u ghalhekk ma jidhirx.

L-attur xehed li hu ma jistax ihallas il-manteniment minhabba li x-xoghol mar lura u ghax irid jikkontribwixxi lil ohtu ghall ghejxien.

Dwar dina l-ahhar raguni, ohtu Loraine Zammit xehdet li l-attur ma kien jikkontribwixxi xejn sakemm qghad ghandha (fol. 41).

Kwantu ghal l-ewwel raguni l-Qorti diga rrilevat li l-attur kellu u ghandu kapacita ghall qliegh minn xoghol reditizju u ghandu opportunitajiet li oggettivament jezistu biex dawn il-fakoltajiet li ghandu jistghu jigu mpjegati jekk l-attur verament irid jahdem. Il-professjoni li jezercita l-attur hija wahda potenzjalment reditizja u ma jirrizultax li l-opportunijtajiet huma nieqsa.  Dana apparti dak li sostniet l-attrici li l-attur qed jaghmel xoghol li ma jidhirx.

Inoltre jigi rilevat li tibdil fis-sitwazzjoni finanzjarja waheda ma taghtix dritt ghall revizjoni tal-obbligu ghall hlas ta' retta alimentari assunta liberament mill-attur.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma jirrizultax li l-attur kien f'xi impossibilita' li jahdem, imqar jekk ghal rasu jew *part time*, jew  kien fl-impossibilita' li altrimenti jhallas il-manteniment miftiehem. Ma jirrizultax li dan kien kaz fejn jirrikorru cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas ir-retta alimentari.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet ta' l-attur
Bl-ispejjez kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------